MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2009

Citazzjoni Numru. 379/2007

Kawza fil-lista: 33

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

1. Illi l-kontendenti zzewgu fid-29 ta' Settembru 2001 kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg (Dok A).

2. Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonjali jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif kontemplat fl-artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew iktar ta’ l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga kif kontemplat fl-artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

4. Illi ghalhekk iz-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Ghaldaqstant l-esponenti titlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikjara null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi z-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti fid-29 ta’ Settembru 2001.

Bl-ispejjez u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li biha rrisponda li :

1. L-esponenti ma jopponix it-talba attrici li z-zwieg taghha mal-esponenti kkuntrattat fid-29 ta’ Settembru 2001 jkun ippronunzjat null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

2. Illi, fil-fatt, il-konjugi B kellhom tlett itfal u cioe’ Delel li twieled fit-28 ta’ Settembru 1998 u Amira li twieldet fid-29 ta’ Settembru 1999 u Sabrine li twieldet fit-2 ta’ Frar 2001, kollha qabel iz-zwieg, ikkondizzjona l-kunsens tal-partijiet ghall-istess zwieg, liema kunsens kien tabilhaqq vizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja matrimonjali jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha.

3. Illi l-kunsens tal-partijiet ghaz-zwieg taghhom inkiseb bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar ta’ l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

4. Illi, fil-fatt, proprju ftit aktar minn sena wara z-zwieg, l-attrici telqet mid-dar konjugali u bdiet relazzjoni ohra ma' terz li minghandu ghandha tarbija ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fid-29 ta' Settembru 2001 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta. Minn naha tieghu l-konvenut ma jopponix ghat-talba.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fid-29 ta' Settembru 2001, meta allura l-attrici, cittadina maltija kellha 34 sena u l-konvenut, cittadin Egizzjan kellu 43 sena, u wara li kienu ilhom jghixu flimkien mis-sena 1997. F' dan il-perijodu ta' qabel iz-zwieg il-partijiet kellhom tlett-it tfal mir-relazzjoni taghhom, li twieldu rispettivament fit-28 ta' Settembru 1998, fid-29 ta' Settembru 1999 u fit-2 ta' Frar 2001. Wara ftit taz-zmien ta' konvivenza matrimonjali, il-partijiet isseparaw de facto. Fil-prezent it-tnejn ghandhom relazzjoni ma terza persuna ; u l-konvenut ghandu relazzjoni stabbli ma' mara Marokkina li minnha ghandu tifel ta' sitt snin.

Mill-provi jirrizulta assodat li sa minn qabel iz-zwieg il-partijiet kienu jillitigaw hafna peress li ma kienux jaqblu mal-mod kif il-konjugi l-iehor kien qed jgib ruhu. L-attrici tghid li l-konvenut kien jghix hajja ta' guvni u kien ihalliha dejjem wahedha, u gieghli kien jidhol fis-sieghat bikrin ta' filghodu ; filwaqt li l-konvenut jilmenta mill-fatt li skond hu l-attrici kienet tkun dejjem barra u meta kien jigi mix-xoghol ma kien isib il-hadd id-dar ; jghid ukoll li kien hemm hafna ndhil minn naha tal-familjari ta' l-attrici.

Illi t-tnejn jaqblu li huma kienu hadu l-pass li jizzewwgu , l-attrici unikament, u l-konvenut principalment, minhabba t-tlett-it tfal li kellhom, sabiex dawn ma jibqghux meqjusin bhala mwildin barra z-zwieg.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi f' dan il-kaz, il-Qorti tirravviza l-*caput nullitatis* kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat, fil-konfront taz-zewg partijiet li, ghalkemm kienu jillitigaw hafna u ma kienux kuntenti fil-konvivenza taghhom qabel iz-zwieg, xorta wahda, unikament fl-interess tat-tfal iddecidew li jghaddu minn cerimonja ta' zwieg civili ; b' rizultat dizastruz, ghax mal-ewwel indunaw li dak li kien idejjaqhom qabel iz-zwieg baqa' idejjaqhom wara z-zwieg, tant li wara ftit taz-zmien issparaw. Dan juri b' mod manifest li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali taghhom huma kienu affetti minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja konjugali, fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali fil-konfront ta' xulxin.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt, u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fid-29 Settembru 2001.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------